# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju, 2019**

**Numru 5**

**Rikors numru 154/19 TA**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-numru 146/2019 fl-ismijiet:**

**GLD Services Limited (C – 69228)**

**v.**

**Atomos Limited (C – 81785)**

**u b'digriet tas-7 ta' Mejju, 2019, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta tħalliet tintervjeni fl-atti *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija eżekutanti GLD Services Limited minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu, 2019 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-deċiżjoni

appellata"), li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' t-talba mressqa minn wieħed mis-sekwestratarji – Satabank p.l.c. – tal-Mandat eżekuttiv fuq imsemmi (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Mandat") u ħassritu, biss safejn jolqot lill-istess bank sekwestratarju, u ħallietu fis-seħħ għall-bqija;

2. Il-kumpannija appellanti GLD Services Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") kienet kisbet il-ħruġ tal-Mandat fl-4 ta' Frar, 2019, u dan fuq is-saħħa ta' titolu eżekuttiv magħmul minn kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-18 ta' Jannar, 2019, li bih il-kumpannija eżekutata Atomos Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sekwestrata") iddikjarat lilha nnifisha debitriċi ċerta u likwida tal-appellanti fis-somma ta' miljun u seba' mija u sitt euro (€ 1,000,706) indikata fl-imsemmi att nutarili, rappreżentanti l-import ta' żewġ kambjali ġirati favur l-appellanti[1]. L-appellanti irrendiet l-imsemmi kuntratt eżekuttiv billi fit-22 ta' Jannar, 2019[2], bagħtet lill-eżekutata ittra uffiċjali għall-finijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-4 ta' Frar, 2019, l-appellanti talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat. Fost is-sekwestratarji, kien hemm Satabank (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellat") li miegħu s-sekwestrata kellha fondi bankarji depożitati. B'rikors imressaq mill-appellat fit-18 ta' Frar, 2019, inbdew il-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għat-tħassir tal-Mandat;

[1] Dok "SB8", f'paġġ. 13 – 5 tal-atti
[2] Dok "SB9", f'paġġ. 16 – 7 tal-atti

3. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *"Rat ir-rikors ta' Satabank Plc tat-18 ta' Frar 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-*
>
> > *"Illi l-esponenti huwa bank liċenzjat u regolat mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") skont il-liġijiet applikabbli;*
> >
> > *"Illi fl-4 ta' Frar 2019 inhareg il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet premessi fejn l-esponenti kien indikat bhala sekwestratarju;*
> >
> > *"Illi fil-mandat mertu ta' dan ir-rikors, it-titolu ezekuttiv huwa indikat bhala "Kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppublikat fl-atti tan-nutar Joseph H Saydon nhar it-tmintax (18) ta' Jannar, 2019…."*
> >
> > *"Illi mill-mandat mertu ta' dan ir-rikors jidher illi dan il-kostituzzjoni ta' debitu gie rez ezekuttiv ftit granet wara, u dan "permezz tal-ittra ufficjali ref 232/19 tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar 2019";*
> >
> > *"Illi din l-ittra ufficjali giet iffirmata mill-Avv Anthony P Farrugia u jidher li giet notifikata lil Tania Ellul, rapprezentanti tas-socjeta` Atomos Limited, li "tat ruhha b'notifikata fir-Registru tal-Qorti";*
> >
> > *"Illi Tania Ellul hija l-istess persuna li dehret ghan-nom tas-socjeta GLS Services Limited fuq il-kostituzzjoni ta' debitu fuq imsemmi;*
> >
> > *"Illi s-socjeta` sekwestrata ghandha kontijiet mal-esponenti, liema kontijiet komplessivament jikkontjenu fondi f'ammonti sostanzjali;*
> >
> > *"Illi fl-20 ta' Ottubru 2018, l-esponenti ġie milqut minn diversi sanzjonijiet regolatorji fil-konfront tiegħu maħruġa mill-MFSA liema sanzjonijiet kienu jinkludu direttivi ċari u immedjatament infurzabbli li jwaqqfu lill-imsemmi bank milli jkun jista' jirrilaxxa flejjes depożitati miegħu minn depożitanti;*
> >
> > *"Illi dawn is-sanzjonijiet huma maħruġa mill-MFSA bħala l-Awtorità kompetenti ai termini ta' artikolu 4B tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta);*
> >
> > *"Illi ai termini tal-artikoli 29(1)(ċ) u (d) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta), l-MFSA, fl-20 ta' Ottubru 2018, ħatret id-ditta ta' awdituri Ernst & Young Limited (EY) bħala persuna kompetenti biex tmexxi l-assi tad-detentur tal-liċenzja, ċioè l-Bank sekwestrat, u tieħu kontroll tan-negozju bankarju fl-interess tad-depozitarji kollha;*

*"Illi meta gew originarjament imposit dawn id-direttivi u l-passi regolatorji kollha meħuda fil-konfront tal-esponenti kienu jirrikjedu l-waqfien assolut ta' depożiti minn klijenti tagħhom u restrizzjoni fuq ġbid ta' flus. Dawn id-direttivi gew sussegwentement aggornati u l-Bank esponenti thalla jibda r-rilaxx ta' fondi, pero` dejjem soggett illi kontrolli u verifiki ta' "due diligence" ghal-prevenzjoni ta' hasil ta' flus jigu sodisfatti;*

*"Illi irid jigi rilevat illi f'dan il-kaz partikolari, is-socjeta` Atomos Limited intalbet tissottometti numru ta' dokumenti sabiex ikunu jistghu jsiru l-kontrolli u verifiki mposti mid-direttivi tal-MFSA, izda s-socjeta` Atomos Limited ipprovdiet dawn id-dokumenti biss fit-12 ta' Frar 2019. Jinghad ukoll illi dawn id-dokument qeghdin jigu ezaminati sabiex jigi determinat illi dawn id-dokumenti jissodisfawx il-kontrolli u verifiki impost ghal-prevenzjoni ta' hasil ta' flus. Ghalhekk, jekk dan il-mandat jithalla fis-sehh, effettivament ser jinhargu fondi mill-Bank esponenti minghajr ma jkunu gew imwettqa l-kontrolli u verifiki mposit mill-MFSA;*

*"Illi l-esponent huwa marbut b'mod assolut b'dawn id-direttivi u sanzjonijiet maħruġa mill-Awtorità regolatorja skont il-liġi u għalhekk qiegħed fl-impossibbiltà li jirrilaxxa flejjes depożitati miegħu tant li lanqas biss m'għandu sehem jew kontroll fil-ġestjoni tan-negozju bankarju kif tidher li qed tippretendi li għandu s-soċjetà sekwestranti. Kwindi dan il-mandat qed ipoġġi lill-esponenti f'sitwazzjoni fejn min-naħa għandu ordni sabiex jirrilaxxa xi fondi u min-naħa l-oħra jaffaċja s-saħħa regolatorja tar-regolatur bankarju;*

*"Illi kieku detentur ta' liċenzja bħalma hu l-esponenti kellu jipprova jikser jew jonqos milli jħares jew jimxi skont xi waħda mid-direttivi jew sanzjonijiet imposti mill-MFSA, ossija jirrilaxxa d-depożiti lill-istess sekwestranti kif qed jintalab jaghmel permezz tal-mandat mertu ta' dan ir-rikors, dan jista' jirriżulta f'passi kemm kriminali mibdija mill-MFSA ai termini tal-artikolu 35 tal-Kap. 371, kif ukoll f'miżuri amministrattivi jew dixxiplinari ħorox mingħajr ħtieġa ta' smigħ fil-qorti u dan ai termini tal-artikolu 35A tal-istess Att fil-konfront tal-esponenti. Jinghad ukoll li l-Artikoli 16(2)(b) u (3) tal-Kap 330 tal-Ligijiet ta' Malta jimponu ukoll fuq id-dirigenti tal-esponenti l-obbligu li jobdu direttivi mahruga mill-MFSA, u illi fin-nuqqas jistghu jigu impost multi severi fuq l-istess dirigenti;*

*"Apparti dan kollu, jekk dan il-mandat jithalla fis-sehh dan imur kontra l-effikaċja u l-eżekuzzjoni ordnata ta' direttivi bankarji bħal dawn li ħarġet l-MFSA kontra l-Bank esponent, u tiġi intralċjata b'mod dirett l-azzjoni regolatorja tal-MFSA. Minghajr dubbju, jekk il-mandat jithalla fis-sehh dan ser idghajjef jew addirritura jgib fix-xejn id-direttivi mahruga mill-MFSA, liema direttivi inhargu sabiex iharsu l-istabbilta` tas-sistema bankarja f'Malta. Dan ikun ifisser illi depozitarji mal-Bank esponenti jkunu jistghu johorgu flejjes minghajr ma jkunu*

*soggetti ghall-kontrolli u verifiki imposti mill-MFSA, u b'hekk jirnexxilhom jevadu dawn id-direttivi.*

*"Illi irid jinghad ukoll, illi jekk mandati ezekuttivi ta' kwalunkwe xorta jithallew fis-sehh, ser jikber il-periklu li klijenti tal-Bank esponenti u terzi, bl-ghan li jinhargu flejjes mill-Bank minghajr ma jitharsu d-direttivi tal-MFSA, jikkollaboraw sabiex jinholqu proceduri gudizzjarji sabiex ikun jista' jinhareg xi forma ta' mandat ezekuttiv kontra l-Bank esponenti;*

*"Illi in vista tas-suespost huwa car illi l-esponent huwa prevenut milli jaghmel dak mitlub minnu ghaliex idejh huma marbuta minn mizuri ta' ordni pubbliku. Certament dawn inħarġu minn min għandu l-awtorità li joħroġhom u jorbtu direttament u mingħajr l-ebda ombra ta' dubju lill-istess Bank. Li l-Bank jottempera ruħu ma' dik li tidher li hija l-kawżali tal-mandat u ossija jirrilaxxa l-flejjes depożitati mal-esponenti huwa reat kriminali u jesponi lill-esponent u diriġenti għall-sanzjonijiet kbar, kif ukoll idghajjef l-awtorita` tal-MFSA li tirregola is-settur bankarju f'cirkustanzi li huma serji u li jirrikjedu l-intervent taghha skond il-ligi;*

*"Huwa għalhekk li ai termini tal-artikolu 281(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponent umilment jissottometti li fiċ-ċirkostanzi hemm "raguni valida skond il-ligi" sabiex is-sekwestru mertu ta' dan ir-rikors jigi mhassar totalment jew parzjalment. Il-Bank esponenti jippreciza illi fil-mument illi l-verifiki u kontrolli rikjesti u mposti mill-MFSA jkunu sodisfatti, il-flejjes mertu tal-mandat prezenti jkunu jistghu jigu rilaxxati.*

*"Ghalhekk huwa fil-fehma umli tal-esponenti abbundantament car illi tezisti raguni valida skond il-ligi ai termini tal-artikolu 281(1) tal-Kap 12 sabiex l-mandat mertu ta' dan ir-rikors jigi mhassar totalment jew parzjalment stante illi il-mandat mertu ta' dan ir-rikors kif ukoll, inter alia, iz-zammha fis-sehh u l-implimentazzjoni tieghu, huma kontra l-ordni pubbliku emanenti mill-Kap 371 tal-Ligijiet ta' Malta u direttivi mahruga ai termini ta' l-istess Att.*

*"Għaldaqstant in vista tas-suespost u tar-raġunijiet oħra li jistgħu jiġu sottomessi mill-esponenti fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors skont il-liġi, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti għandha tħassar totalment jew parzjalment l-mandat ta' sekwestru odjern fil-konfront tal-Bank sekwestrat*[3] *ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, taht il-proveddimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa."*

*"Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Frar 2019.*

[3] *Recte:* sekwestratarju (Kelma ordnata mibdula b'degriet tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu, 2019)

*"Rat ir-risposta ta' GLD Services Ltd tal-5 ta' Marzu 2019 li permezz taghha wiegbu hekk:-*

*"Illi dan ir-rikors mhux hlief tentattiv iehor sabiex tinheba l-inkompetenza u l-irresponsabilita' grassa li bihom qed titmexxa il-procedura sabiex jkunu rilaxxjati depositi mal-Bank sekwestratarju sabiex depositi bankarji jkunu rilaxxjati u kredituri bhall-esponenti u ohrajn jkunu jistghu jithallsu liberament.*

*"Illi huwa iktar minn stramb li dan ir-rikors kellu jsir mill-Bank sekwestratarju u mhux minn sekwestratarji ohrajn. Dan ghaliex minkejja li fis-seba (7) paragrafu tar-rikors jinghad li is-socjeta' sekwestrata (Atomos)* ***"...ghandha kontijiet mal-esponenti, liema kontijiet komplessivament jikkontjenu fondi f' ammonti sostanzjali****", fil-fatt jirrisulta li dan mhux minnu.*

*"Illi l-esponenti tinsab infurmata li is-socjeta sekwestrata imsemmija, fil-fatt kellha dawn id-depositi fil-pussess tal-bank Sekwestratarju u dan sal-20 ta' Ottubru 2018, meta l-Awtorita' ghas-Servizzji Finanzjarji ta' Malta harget id-direttiva li tirrisulta mid-dokument SB2 anness mar-rikors promotur.*

*"Illi permezz ta' dik id-direttiva, anzi Ordni tal-Awtorita' imsemmija, il-Persuna Kompetenti cioe' is-sekwestratarja EY (Ernst & Young), kellha:*

*"i) take charge of the assets of the bank........"*

*"ii) assume control of the Bank's business and to carry on such functions as the Authority may direct"*

*"Illi minn dan huwa car li gialadarba jidher li il-Bank Sekwestratarju m'ghandux iktar il-kontroll tal-fondi li jifformaw in-negozju tieghu allura lanqas m'ghandu fondi tad-debitrici tal-esponenti. Ghalhekk ma jistax jitqies li jintlaqat bil-konsegwenzi legali tal-Mandat, u per konsegwenza lanqas m'ghandu ir-rimedju tal-artikolu 281(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta a disposizzjoni tieghu.*

*"Illi minghajr pregudizzju xejn mir-ragunijiet moghtiija fir-rikors ma jimmeritaw konsiderazzjoni minn Din l-Onorabbli Qorti ukoll ghaliex jinoraw fatt essenzjali mis-sistema demokratiku li nghixu fiha li kulhadd huwa ugwali quddiem il-ligi, u ghalhekk il-ligi qeghda hemm ghal kullhadd minghajr distinzjoni.*

*"Illi ghalhekk ma hemm xejn indesiderabbli jew kontra l-ordni pubblika li persuna tinqeda, bhalma jaghmlu hafna drabi il-banek kredituri u ohrajn, bil-mezzi mahsuba mill-ligi taghna sabiex jottjeni rikonoxximent esekuttiv tal-krediti taghhom. Dan sabiex imbaghad jissfruttaw il-mezz li taghtiehom il-ligi sabiex jigbru flushom. Dan anke bil-kollaborazzjoni tad-debitur stess li jkollu interess jevita*

*kawzi u spejjes inutli, u li ma jiddistruggix rapporti kummercjali prezzjuzi ma' kreditur fornitur essenzjali ghalih.*

*"Illi tajjeb li wiehed jghid li huwa l-acipe tal-wicc tost li tipprova timputa xi tort lill-klient bankarju ATOMOS ghad-dewmien fil-processar tar-rilaxx ta' flusha. L-ewwelnett ghaliex, anke jekk dan kien rilevanti, il-Bank rikorrent konvenjentement naqas jghid li ir-rikjesta ghal dik l-informazzjoni intalbet biss fil-8 ta' Jannar, kwazi* ***tlett xhur wara*** *li inharget id-direttiva ta' Awtorita Finanzjarja li warajha qed jinheba l-istess Bank.*

*"Illi il-hsara lis-settur finanzjarju qed jkun kagjonat mhux minn proceduri taht il-Kapitolu 12, li dejjem tqiesu li huma "di ordine pubblico", izda minn iffirzar indiskriminat u ghal zmien twil u indefinit ta' fondi depositati mal-istess Bank li issa qed jopponi il-Mandat esponenti.*

*"Illi l-Bank sekwestratarju kien, u forsi ghadu(?), Bank licenzjat mill-Awtorita' Finanzjarja ta' Malta, li suppost kellha bhala* ***rwol esistenzjali*** *taghha li taghmel monitoragg konsistenti mal-Bank u mhux tippermetti li jinholqu dubbji tant serji li jwasslu ghal mizuri drakonici bhala dawn mehuda fil-konfront tal-istess Bank bi hsara principalment lill-klienti bankarji, u xejn inqas lir-reputazzjoni ormai prekarja tas-settur bankarju Malti.*

*"Illi l-insufficjenza tar-risorsi disponibbli lill-Awtorita' Finanzjarja u fil-kontrolli metodici li suppost li jsiru minnha mal-banek huwa suggett li gie trattat fil-media lokali recenti DOK TOM hawn anness.*

*"Ta' dawn in-nuqqasijiet m' ghandhomx jhallsu il-klienti u lanqas m' ghandu jigi permess li min huwa responsabbli jinheba wara is-setghat moghtija lilu bhala Awtorita' sabiex jiggustifika ruhu.*

***"Illi dan kollu qed jinghad sabiex dak kollu espost mill-Bank rikorrent jitqieghed fil-perspettiva korretta tieghu, u xejn iktar.***

*"Illi l-esponent ghamel is-sottomissjoni tieghu fl-ewwel paragrafu ta' din ir-risposta, ghaliex huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza ta' pajjizna li l-Artikolu 281(1) tal-Kapitolu 12 ma jistax jintuza ghall-iskop espress fir-rikors promotur.*

*"Illi bil-kliem "raguni valida skond il-ligi" ma tfissirx dak li pprova jghid li tfisser il-Bank rikorrent. B' dik l-interpretazzjoni kien jkun ser jinholoq mod gdid ghal kollox u inkonsentit sabiex titolu esekuttiv (inklux sentenza - ghaliex le?) jkun jista' jitwaqqa' b' mod sommarju.*

*"Illi l-Artikolu 218(1) jintuza biss f' kaz ta' "xi ghelt jew nuqqas fl-att ezkuttiv innifsu, li bis-sahha tieghu, l-parti interessata tista' ggarrab pregudizzju u dan billi jsir ezami formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir."*

> *"**Dan gie enunjcat ripetutament u awtorevolment mill-Qrati Taghna fil-kazijiet:** Prim' Awla - A.A.S.K. Enterprises Limited (C-32035) vs MORE Supermarkets (Fgura) Limited (C-61496) (Rik Nru: 28/2015/JZM) Dec 12/02/2015;*
>
> *"Prim Awla - Victor Fenech vs Anthony Fountain et (Rik Nru: 1818/11/MB) Dec 20/06/2012;*
>
> *"Prim Awla - Car Care Products Limited vs John Bugeja et (Rik Nru: 1248/2009/GC) Dec 12/02/2010;*
>
> *"Prim Awla - Ian Bartoli noe vs A Gatt trading Ltd (C-2384) et (Rik Nru: 1044/2010/AE) Dec 02/08/2011;*
>
> *"Appell Inferjuri - Awtorita' Marittima ta' Malta kontra Polidano Brothers Limited (Rik Nru: 91/2007/1/Philip Sciberras) Dec 09/01/2008;*
>
> *"Prim Awla - Edward Pavia vs Michael Sultana et (Rik Nru: 287/2005/PA/JRM) Dec 05/05/2005;*
>
> *"Appell Civili - Briffa vs Stones Proterties Limited noe (Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401) Dec 01/12/2000.*
>
> *"Ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes."*

*"Rat li fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2017 dehret ukoll Tania Ellul ghan-nom ta' Atomos Ltd, tat ruhha notifikata bir-rikors u l-avviz tas-smiegh fil-waqt li rrimettiet ruhha ghall-eventwali decizjoni tal-Qorti.*

*"Rat li Ernst & Young taw ruhhom notifikati bir-rikors u avviz tas-smiegh fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019. Ghall-imsemmija deher ukoll Ajay Rawwan.*

*"Rat li anke l-MFSA tat ruhha notifikata bir-rikors u avviz tas-smiegh fis-seduta imsemmija.*

*"Semghet ix-xhieda tal-imsemmi Ajay Rawwan fis-seduta fuq imsemmija.*

*"Rat id-dokumenti u l-atti kollha tar-rikors.*

*"Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.*

*"Rat li ir-rikors thalla ghall-ghotja ta' digriet fil-miftuh kif jitlob l-artiklu 281 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta ghall-lum.*

*"Il-Qorti tirrileva, li wara li r-rikors thalla ghad-digriet fil-miftuh fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019, fit-8 ta' Marzu 2019 dahlet nota tas-Socjeta` Atomos Ltd, li biha ghamlet xi osservazzjonijiet. Il-Qorti ma taqbel xejn li parti tippresenta noti ta' din ix-xorta ad insaputa tal-partijiet l-ohra, b'mod partikulari fi stadju daqstant inoltrat tal-proceduri aktar u aktar meta fis-seduta imsemmija, l-istess Socjeta` mhux biss dehret u rrimettiet ruhha ghall-eventwali decizjoni tal-Qorti izda sahansitra ddikjarat li ma ghandhiex provi xi tressaq. Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tordna l-isfilz ta' din in-nota.*

***"Ikkunsidrat***

*"Jibda biex jinghad li dak li pprovoka lill-Bank rikorrent jaghmel ir-rikors odjern kien il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv mertu ta' dan ir-rikors, ottenut mis-Socjeta` GLD Services Ltd, li fih il-Bank inkwistjoni gie indikat bhala sekwestratarju dwar assi li ghandha s-Socjeta` Atomos ma' dak il-Bank. Il-Bank esponent, milqut kif inhu minn diversi direttivi tal-MFSA, kif jirrisulta anke mid-dokumenti esebiti (ara dokumenti minn a` fol 5 sa a` fol 12 ), sab ruhu f'morsa ta' ligijiet fejn ligi qed tghidlu jaghmel mod, u l-ohra mod iehor.*

*"Dan il-Bank jilmenta li ghalhekk jinsab kolpit minn diversi ordnijiet u sanzjonijiet mahruga ai termini tal-artiklu 4B tal-Kap 371 tal-ligijiet ta' Malta u huwa ukoll milqut mill-effetti tal-artiklu 376(1)(2)(d) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. Jilmenta li din il-kollizjoni ta' ligijiet gabitu f'sitwazzjoni, li jaghmel x'jaghmel, ser jaqlaghha minn kullimkien u dan ghaliex kull ligi tipprovdi sanzjonijiet severi b'konsegwenzi ta' nonadempjenza ta' ordni jew ohra.*

*"Minhabba f'hekk il-Bank rikorrent irrikorra ghar-rimedju li jaghti l-artiklu 281 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta u qieghed jitlob, li l-mandat inkwistjoni jigi imhassar totalment jew parzjalment fil-konfront tieghu qua sekwestratarju.*

*"L-artiklu 281(1) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:-*

> *"Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*

*"Dan l-artiklu jiddisponi ukoll, li mhux biss is-Sekwestrat izda kull persuna ohra interessata tista' taghmel rikors fis-sens ta' dan l-artiklu. Din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju, li l-Bank esponent bhala sekwestratarju jikkwalifika bhala persuna interessata. Izda l-Qrati taghna dejjem interpretaw il-kliem "raguni tajba" taht dan l-artiklu b'mod*

*pjuttost restrittiv, bl-oggettiv li ma tkunx frustrata c-certezza u stabbilita` ta' titoli esekuttivi fi kwistjonijiet ordinarji taht il-ligi generali.*

*"Il-**Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet Edward Pace v. Michael Sultana et, Rik. Nru. 287/05 pronuncjata fil-5 ta' Mejju 2005** kellha hekk xi tghid dwar dan l-artiklu:-*

> *"Il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-disposizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, il-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul ta' l-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra … ... l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji."*

*"Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-ligijiet li ghandha quddiemha. Ezaminat anke il-Kap 371 tal-ligijiet ta' Malta, biex forsi tiskopri jekk hemmx xi provvediment li b'xi mod joffri soluzzjoni. Izda minn dan ma sabet xejn. Il-problema hija frott in-nuqqas ta' uniformita` u tfassil mijopiku tal-ligijiet fejn aktar mar-regolamentazzjonijiet qedghin isiru kumplessi, anqas qieghed ikun hemm koordinament bejn ligi u ohra, b'mod partikulari ghall-provvedimenti ta' armonizzazzjoni ta' varji ligijiet. L-uniku artiklu li jesisti f'Kap 371 tal-ligijiet ta' Malta huwa 35A(5)(6) huwa b'referenza ghall-konversjoni ta' multi li jistghu jingabru skont il-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. Fil-waqt li fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-uniku darba li hemm referenza ghall-Kap 371 hija l-ezenzjoni ta' depositu tal-ghotja ta' garanzija fil-kaz ta' appelli li jirrigwardaw lill-Bank Centrali. Kwantu ghal Kap 330 tal-ligijiet ta' Malta, anke dan ma joffri ebda soluzzjoni ghal din il-problema, hlief li fost ohrajn issir referenza ghal darba ohra ghal multi u ghas-sekwestru fi proceduri kriminali. B'danakollu dan ma jfissirx li minhabba deficjenza ta' disposizzjonijiet ghall-armonija tal-ligijiet, meta l-Qorti tirriskontra sitwazzjoni bhal dik li ghandha quddiemha, ma ghandhiex tkun hi li tqieghed ligijiet kontrapposti ghal xulxin fl-ordni gererkiku kif jixraq tal-ligijiet u b'mod razzjonali u li jaghmel sens.*

*"F'dan ix-xenarju, is-Socjeta` GLD Services Ltd fost ohrajn targumenta, li fid-dawl tas-Sentenzi succitati din il-Qorti ma ghandhiex tilqa' t-talba ghaliex il-mandat ta' Sekwestru inkwistjoni, inhareg mill-Qorti tajba u*

*ma hemm ebda difett fil-forma fis-sens kif jispjegaw il-Qrati fis-Sentenzi taghhom. Il-Bank minn naha tieghu wiegeb li jinsab f'sitwazzjoni li ma jistghax jaghmel l-impossibbli rinfaccjat kif inhu b'zewg ligijiet kontrapposti ghal xulxin. Jghid ukoll illi li kieku kellu jintlaqa' dan il-mandat ikunu frustrati l-iskopijiet li jrid jilhqu l-ligijiet in kwistjoni. Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-Bank Rikorrent jargumenta wkoll, li hawn si tratta ta' materja ta' ordni pubbliku u li ligi li tirregolah fis-sitwazzjoni, hija wahda ta' natura specjali. Ghalhekk il-Kap 371 tal-ligijiet ta' Malta ghandhom jiehdu precedenza fuq il-ligijiet ordinarji in linea mal-principju interprettativ f'sitwazzjoni simili ta' "lex specialis derogat generalis". B'hekk il-Bank rikorrent isostni, li dak li qieghed jitlob jaqa' fid-definizzjoni ta' raguni tajba skont dak l-artiklu.*

*"Jekk wiehed kellu jezami il-generalita` tad-direttivi mahruga kontra l-Bank rikorrent, l-ebda wahda ma hassret lil ta' qabilha, izda gew biss aggornati, b'mod partikulari fir-rigward tal-persuna kompetenti u cioe` id-ditta tal-Awdituri Ernst & Young. Jirrisulta li, fir-rejalta' il-Bank rikorrent ghadu fil-pussess assi, fost ohrajn dawk kolpiti bil-mandat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proceduri. Fil-fatt skont l-avviz a' fol 11, il-Bank inkwistjoni kellu jibda jaghmel kuntatt mal-accounts holders sabiex jibdew jigu rilaxxjati certu ammonti lid-depositanti.*

*"Fix-xhieda tieghu Ajay Rawwan waqt is-seduta fuq imsemmija ghidha car u tond li "the bank still exist and the assets or liabilities still reside with the Bank" (a` fol 48 ). Li ma kienx hekk, kieku l-Bank ma kienx jaghmel ir-rikors. "Huwa minnu li hemm process pjuttost pesanti ta' kif ghandhom jigu rilaxxjati l-assi mill-Bank lid-depositanti jew kredituri. Dan isehh wara skrutinju ta' process imsejjah "due diligence" permezz tal-istrutturi li tipprovdi l-ligi, f'cirkostanzi fejn l-assi tal-Bank ikunu milquta minn ordni ta' kongelament mahruga mill-Awtorita' Kompetenti.*

*"Il-problema tqum, bhal fil-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti, meta r-rilaxx tal-assi jkun jista' jintalab abbazi ta' ordni ta' Qorti kontra kull direttiva ta' kongelament ta' assi li tkun harget l-Awtorita` Kompetenti ai fini tal-Kap 371 tal-ligijiet ta' Malta. X'jigri jekk ir-rilaxx ikun qieghed jintalab b'konsegwenza ta' ordni tal-Qrati ordinarji taht artiklu 376(2)(d) u li skont artiklu 378(1) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi li:*

> *"Sekwestratarju li, għalkemm ikun fil-pussess ta' flus jew ħwejjeġ oħra, ta' proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur, li setgħu ġew issekwestrati bil-mandat, u li ma jagħmilx id-depożitu msemmi fl-artikolu 376 fi żmien il-perjodu hemm stipulat, ikun responsabbli għad-danni u l-imgħax favur il-kreditur u l-qorti tista', wara rikors magħmul għal dak il-għan mill-kreditur, toħroġ dawk l-ordinijiet li jistgħu jkunu meħtieġa, inkluż l-arrest personali tal-persuna għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, biex iġġiegħlu jiddepożita dawk il-beni "*

*"Ma hemm ebda dubbju li din il-parti tal-ligi hija fi skontru dirett mad-direttivi tal-Awtorita' Kompetenti fit-termini ta' dak li jipprovdi il-Kap 371*

*tal-ligijiet ta' Malta. Il-Qorti l-anqas ma sabet xi risposta ghal dan il-kwezit fil-Kap 249 tal-ligijiet ta' dwar l-interpretazzjoni tal-ligijiet. Ghalhekk irid jigi stabbilit li jekk il-Kap 371 u Kap 330 tal-ligijiet ta' Malta humiex ligijiet specjali u/jew ta' ordni pubbliku u li allura jfisser li dawn jiehdu s-sopravvent gerarkiku fuq il-ligijiet generali interni tal-pajjiz .*

*"Ma hemm ebda dubbju li l-ligijiet inkwistjoni jirregolaw sitwazzjonijiet li ma humiex regolati mill-ligijiet generali u ordinarji tal-pajjiz. Dawn il-ligijiet huma principalment immirati lejn is-settur finanzjarju u bankarju, settur kumpless, mimli riskji finanzjarji, kemm ghall-individwu u b'mod partikolari ghas-Socjeta` ingenerali, b'effett pervasiv, kemm ekonomikament u anke socjalment. Ma humiex immirati biex iharsu l-individwu biss, izda b'mod partikolari lill-kollettivita` fis-sens kommunitarju tal-kelma. Di piu', anke jekk wiehed ihares lejn is-sensiela ta' direttivi u ligijiet tal-Unjoni Ewropeja li jissemmew f'dawn iz-zewg ligijiet, bl-obbligi li dawn ir-regolamenti li jgibu maghhom fil-kuntest tat-Trattat ta' Ateni, hija evidenti n-natura specjali ta' dawn il-ligijiet. Pero` dwar dan aktar 'l isfel.*

*"In-natura specjali ta' dawn il-ligijiet giet ukoll rikonoxxuta fis-**Sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef J. Zammit Mckeon fl-ismijiet All Invest Limited -vs- X et tat-30 ta' Marzu 2017** fejn intqal hekk:-*

> *"Dawn ir-regolamenti li gew mahruga mill-MFSA ghandhom is-sahha ta` ligi, u ghalhekk huma specjali ghaliex jirregolaw l-procedura li ghandha tigi segwita fl-ambitu tas-servizzi finanzjarji. Kumpannija li qed tipprovdi servizzi finanzjarji ghandha obbligi u kondizzjonijiet sabiex topera u li maghhom ghandha tottempera ruhha. Din il-Qorti m`ghandhiex l-icken sembjanza ta` dubju li dawn m`humiex obbligi li hija soggetta ghalihom fil-ligi ordinarja kwalsiasi socjeta` kummercjali."*

*"Din Qorti hi ghalhekk ukoll tal-fehma, li dawn il-ligijiet huma ukoll ta' ordni pubbliku ghaliex joffru protezzjoni lis-Socjeta` in generali, fejn ghandek istituzzjonijiet finanzjarji, bhal ma huma l-Banek, repositarji ta' numru kbir ta' depositanti u li minnhom jghaddu flejjes li jistghu jaghtu lok ghall-investigazzjoni minhabba sorsi ta' natura suspettuza fid-dawl mhux biss tal-obbligi li ghandu l-Istat Malti lejn il-kollettivita` izda anke dawk l-obbligi li ghandu fil-kamp internazzjonali lejn stati ohrajn. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward ghandek element qawwi ta' ordni pubbliku:-*

*"Dwar x'inhu l-Ordni Pubbliku, il-Galgano, "Diritto Privato" (2ediz. p.251 para 13.2) jghid "Nel suo insieme la formola legislativa esprime una esigenza di difesa dei valori fondamentali della societa': di difesa sia dei valori di natura collettiva, che attengono cioe' all pacifica e civile convivenza fra gli uomini e al loro progresso economico e sociale, sia di valori di natura individuale, relativi alla liberta', alla dignita', alla sicurezza dei singoli. L'ordine pubblico e' costituito da quelle norme, anch' esse imperative, che salvaguardano i valori fondamentali sopra*

*menzionati e che, tuttavia, non sono esplicitamente formulate dalle legge, ma che si ricavano per implicito dal sistema legislativo: dai codici e dalle altre leggi ordinarie e, sopratutto, dalla Costituzione. (ara* ***Sentenza tal-Prim Awla per Imhallef Tonio Mallia tas-7 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet Francis Paris et -vs- Maltacom Plc.****).*

*"L-element ta' ordni pubbliku jemergi ukoll mill-fatt, li kemm il-Kap 371 u anke Kap 330 tal-ligijiet ta' Malta, huma fost ohrajn imfassla fuq corpus ta' regolamenti tal-Unjoni Ewropeja. Anke l-istess artiklu 4B tal-Kap 371, li abbazi tieghu inhargu s-sanzjonijiet fil-konfront tal-Bank rikorrent huwa fost ohrajn imsejjes fuq wahda minn dawn id-direttivi u cioe` "Regulation (EU) No 575/2013 of the European Parliament and of the Council of 26th June 2013 on prudential requirements for credit institutions and investment firms and amending Regulation (EU) No 648/2012 Text with EEA relevance" . Issa l-Istat Malti bhala membru shih tal-Unjoni Ewropeja ghandu l-obbligu imnissel mit-trattat ta' Ateni tas-16 ta' April 2003, li jaccerta mhux biss li dawn ir-regolamenti jkunu implimentati, izda li ma jhalli xejn mill-ligijiet domestici jiffrustraw l-applikazzjoni taghhom. Di fatti artiklu 3 tal-Kap 460 tal-ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:-*

> *"Mill-Ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti eżistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea għandhom jorbtu lil Malta u għandhom ikunu parti mil-liġi domestika tagħha taħt il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.*
>
> *"(2) Kull dispożizzjoni ta' liġi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta' Malta taħt it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt mogħti lil xi persuna bit-Trattat jew taħtu għandha, safejn dik il-liġi tkun inkompatibbli ma' dawk obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tiġi infurzata."*

*"Ghalhekk fis-sitwazzjoni partikulari li ghandha quddiemha din il-Qorti, il-pronunzjamenti ta' dawn il-Qrati dwar x'tista' tkun raguni gusta ai fini tal-appikazzjoni tal-artiklu 281 ghandu jittiehed f'xenarju ta' sitwazzjoni ordinarja regolata mill-ligijiet generali u ordinarji tal-pajjiz. Ix-xenarju u materja li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa ghal kollox straordinarju f'xibka ta' ligijiet specjali li certament ma kienux f'mohh dawk li pronunzjaw dawk is-Sentenzi. Irid jinghad ukoll li fir-rigward tas-sentenzi ta' dawn il-Qrati dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta lanqas ma jista' jinghad li l-kontestazzjoni tal-Bank rikorrent hija 'strico iure' marbuta mal-mertu tal-mandat. Il-kontestazzjoni hija wahda formali li tirrigwarda biss mhux il-mertu tal-mandat fih innifsu imma l-applikazzjoni ta' varji ligijiet li huma kontrapposti ghal xulxin. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent ghandu ragun fl-ilment tieghu."*;

4. L-appellanti ressqet appell mill-imsemmi provvediment b'Rikors tagħha tal-20 ta' Marzu, 2019, u li fih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti biex tirrevokah;

5. L-appellat laqa' għal dan l-appell b'Risposta mressqa minnu fit-3 ta' April, 2019, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell;

6. L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (minn issa 'l hemm imsejħa "l-intervenuta") wkoll ressqet Risposta għall-Appell tal-appellanti fit-8 ta' April, 2019, qabel ma kienet talbet li titħalla tintervjeni, u li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra wkoll qalet li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' l-appell imressaq quddiemha mill-appellanti;

7. Fis-26 ta' April, 2019, l-appellanti ressqet rikors biex ir-Risposta tal-Awtorità titneħħa mill-atti ladarba dik l-Awtorità ma kinitx parti fil-każ. B'digriet mogħti waqt is-smigħ tas-7 ta' Mejju, 2019, din il-Qorti awtorizzat lill-Awtorità li tintervjeni *in statu et terminis*;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-11 ta' Ġunju, 2019;

9. Rat l-atti kollha tal-Mandat;

10. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

11. Illi l-**aggravji** tal-appellanti mid-deċiżjoni appellata jaqgħu taħt żewġ taqsimiet: fl-ewwel lok, tgħid li l-ewwel Qorti ma qalitx sewwa li l-appellat kien tabilħaqq "persuna interessata" biex tressaq it-talba għat-tħassir tal-Mandat; fit-tieni lok, tisħaq li ma kien hemm l-ebda "raġuni valida skond il-liġi" biex setgħet wasslet lill-ewwel Qorti biex tilqa' f'parti minnha t-talba tal-appellat;

12. Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-imsemmija aggravji, jidhrilha xieraq li tisħaq li l-proċedura mnedija taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tirrigwarda **atti** eżekuttivi u mhux **titoli** eżekuttivi u għalhekk, fi proċedura bħal dik, il-Qorti ma tidħolx fil-kwestjoni tas-siwi ta' xi titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu jkun inħareġ xi Mandat[4]. Fit-tieni lok, il-liġi trid ukoll[5] li ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' Mandat, ħlief wara li tkun saret l-eżekuzzjoni;

---

[4] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)

[5] Art. 276 tal-Kap 12

13. Illi fil-kwestjoni li l-Qorti għandha quddiemha, l-att eżekuttiv huwa l-Mandat ta' Sekwestru li l-eżekuzzjoni tiegħu ssir billi tingħata kopja tiegħu lis-sekwestratarju[6], kif fil-fatt sar f'dan il-każ ukoll. Madankollu, jirriżulta mill-atti li, sa minn xhur qabel ma nħareġ il-Mandat, l-appellat kien intlaqat minn Ordni maħruġ mill-Awtorità intervenuta f'Ottubru tal-2018 (u liema Ordni kien segwit b'oħrajn sa Jannar tal-2019[7]) taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju[8] li bih l-istess Awtorità kienet ħatret ditta ta' awdituri – Ernst & Young (EY) – biex tagħtiha pariri u ssegwi l-ħidma tal-Bank appellat. Bl-Ordni tal-20 ta' Ottubru, 2018[9], l-intervenuta żiedet il-ħatra ta' EY billi tagħatha li tieħu kontroll tal-assi tal-appellat biex jitħarsu l-interessi tad-depożitanti u li tassumi l-kontroll tan-negozju tal-Bank appellat u twettaq funzjonijiet oħrajn li l-intervenuta setgħet, minn żmien għal żmien, tindikalha. Fost tali direttivi, l-appellat kellu "*to refrain, cease and desist from affecting or processing any withdrawal or outward transfers from any accounts held by the Bank*";

14. Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel aggravju** mid-deċiżjoni appellata, joħroġ ċar li l-appellanti hija tal-fehma li l-Bank appellat ma jikkwalifikax bħala "persuna interessata" għall-finijiet tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija tgħid li, ladarba bl-Ordni maħruġ mill-intervenuta

---

6 Art. 377(1) tal-Kap 12
7 Dokti "SB1" sa "SB7" f'paġġ. 5 sa 12 tal-atti
8 Att XV tal-1994 (Kap 371)
9 Dok "SB2", f'paġġ. 6 – 7 tal-atti

it-tmexxija tal-Bank appellat għaddiet għand EY, l-appellat ma kellu l-ebda interess ġuridiku jitlob it-tħassir tal-Mandat billi dak l-Ordni effettivament neżżgħu mill-pussess u t-tmexxija tal-assi tal-Bank;

15. Illi għal dan l-aggravju l-appellat laqa' billi ċaħad għal kollox il-fehma tal-appellanti u seħaq li ma huwiex minnu li jonqos fih l-interess ġuridiku li jitlob it-tħassir tal-Mandat. Ċaħad ukoll l-argument tal-appellanti li l-Bank appellat tneħħa mill-pussess tal-assi depożitati miegħu;

16. Illi, min-naħa tagħha, l-intervenuta tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid li l-kriterju msemmi mill-appellanti tal-"pussess u kontroll tal-assi tad-debitur" huwa invenzjoni li ma ssibx postha fil-liġi għaliex l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 li taħtu nbdiet din il-proċedura ma jitlob l-ebda kwalifika bħal din għal min jista' jinqeda biha. Iżżid tgħid ukoll li l-Ordni li bih EY tqabbdet tieħu t-tmexxija tal-Bank appellat taħt dawk il-kundizzjonijiet speċifiċi ma temmewx il-personalità ġuridika tal-istess Bank u lanqas ħadulu l-ġid tiegħu;

17. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq u x'aktarx huwa fieragħ. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti u kif jgħid l-appellat, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li persuna li tkun sekwestratarja ta' Mandat eżekuttiv hija "persuna oħra interessata" għall-finijiet tal-artikolu

281(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tinqeda b'dik il-proċedura ħalli titlob it-tħassir ta' Mandat bħal dak, sakemm ikun hemm iċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi biex dan jista' jsir. Ladarba s-sekwestratarju f'Mandat huwa persuna milquta b'ordni tal-Qorti li tkun ħarġitu, dik il-persuna trid tingħata l-jedd li tkun f'qagħda li tirregola ruħha dwar ordni bħal dak. Meta ddaħħlu l-bidliet fil-liġi fl-2006 kien sewwasew minħabba f'ċirkostanzi bħal dawn li r-rimedju tal-artikolu 281 ingħata mhux biss lill-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ il-Mandat imma lil oħrajn ukoll;

18. Illi, fit-tieni lok u b'riferenza għall-każ partikolari, il-Qorti ssib l-argument tal-appellanti kemm xejn kontradittorju ladarba ma fissritx għaliex dehrilha li kellha ssemmi lill-appellat fost is-sekwestratarji meta ntalab il-ħruġ tal-Mandat jekk kienet taf (u ma setgħetx ma tkunx taf) bl-Ordni u jekk dehrilha li dak l-Ordni kien neħħa mill-appellat kull sura ta' kontroll tal-assi (tal-eżekutata Atomos Limited) li sewwasew il-Mandat jitlob li jolqot. Jekk l-appellat kien sekwestratarju interessat, ma jistax ma jkunx ukoll "persuna interessata" għall-finijiet tal-artikolu 281. Fit-tielet lok u lil hinn mill-implikazzjonijiet legali marbuta ma' Ordni bħal dak li nħareġ mill-intervenuta taħt il-Kap 371 marbuta mar-restrizzjoni tal-liċenza tal-Bank appellat[10], il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-appellat kien tabilħaqq tneżżà' mill-pussess tal-assi tiegħu, partikolarment fejn jidħlu d-depożiti

[10] Ara art. 29(3)(a) u (b) tal-Kap 371

tal-klijenti tiegħu u x-xhieda mressqa u l-ġrajja li seħħew wara l-ħruġ tal-Mandat jixhdu dan: il-kontrolli fuq it-tħaddim u t-tmexxija ta' dawk l-assi ma jikkwalifikawx fi tneħħija mill-pussess tagħhom u r-responsabbiltà li dak il-pussess inissel miegħu;

19. Illi għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq u sejra tiċħdu;

20. Illi għal dak li jirrigwarda t-**tieni aggravju**, l-appellanti tgħid li t-tħassir f'parti tal-Mandat bid-deċiżjoni appellata ġara li t-titolu eżekuttiv li hija tgawdi fuq l-eżekutata nġab fix-xejn u li ma kienx hemm raġunijiet tajbin biex isir dan. Hija żżid tgħid li Mandat eżekuttiv huwa ordni maħruġ minn Qorti u huwa fih innifsu ta' ordni pubbliku, minħabba li jagħti eżekuzzjoni għal titolu li l-liġi tikkunsidrah eżekuttiv. Hija tilminta mill-fatt li l-ewwel Qorti, wara li qieset li kien hemm skontru bejn liġijiet, għaddiet biex tat rimedju li ma kienx fis-setgħa ta' dik il-Qorti li tagħti, imma li jmissu jirregolah il-Leġislatur. Tkompli tgħid li l-Awtorità intervenuta qiegħda tqiegħed lilha nnifisha 'l fuq mil-liġi u titwebbel li l-ordnijiet tagħha huma aqwa minn dawk tal-Qrati;

21. Illi l-appellat iwieġeb għal dan l-aggravju billi jgħid li jekk kem-il darba fl-imgħoddi t-tifsira li l-Qrati taw lill-artikolu 281 kienet waħda dejqa u restrittiva, dan ma jfissirx li għandu jibqa' hekk ukoll illum fejn it-tifsira

tal-liġi ma għandhiex tkun imxekkla bil-preċedent. B'mod partikolari, fejn tfeġġ qagħda bħal dik li sab ma' wiċċu, l-appellat jgħid li ġie bejn ħalltejn jekk jobdix liġi u jikser l-oħra u dan joħloq "raġuni tajba" biżżejjed għall-finijiet tal-imsemmi artikolu 281 biex tintlaqa' t-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat safejn jolqot lilu bħala sekwestratarju. Huwa jżid jgħid li, kieku l-Mandat kellu jitħalla fis-seħħ, dan se jfisser li se jimmina u jipperikola l-qafas regolatorju li fassal il-Leġislatur fil-Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta. F'kull każ, jekk bejn liġi ġenerali u waħda speċjali jew dwar qasam partikolari ma jkunx hemm qbil, tgħodd dik speċjali, b'ħarsien tal-assjoma li "*lex specialis derogat generalis*". Jgħid li ċ-ċirkostanzi li jinsab fihom kienu joħolqu aktar minn "raġuni valida" waħda maħsuba mil-liġi biex wasslet lill-ewwel Qorti tordna t-tħassir tal-Mandat fejn għandu x'jaqsam hu;

22. Illi l-intervenuta wkoll laqgħet għall-istess aggravju billi qalet li tajjeb għamlet l-ewwel Qorti li, fid-dawl ta' dispożizzjonijiet tal-liġi li jiġbdu f'direzzjonijiet differenti, ħaddmet il-liġi li l-aktar kienet tgħodd għall-każ. Iżżid tgħid ukoll li mhux talli d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta huma liġi speċjali meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-liġi dwar il-Proċedura Ċivili, imma talli l-artikolu 29(5) tal-istess Att jagħmilha espressament ċara li dak li jgħid għandu jkollu effett minkejja kulma jista' jingħad taħt kull dispożizzjoni oħra ta' kull liġi u minkejja dak kollu li jinsab f'kull att, kuntratt, kitba jew dokument ieħor ikun liema jkun;

23. Illi l-Qorti ttenni li r-rimedju mogħti bl-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa speċifikatament dak li jara jekk att eżekuttiv, maħruġ wara ordni minn qorti u fuq is-saħħa ta' titolu eżekuttiv, għandux jitħassar, għal kollox jew f'biċċa minnu, fuq talba ta' xi persuna li tagħti lil dik il-Qorti raġuni valida għal tali tħassir;

24. Illi li l-għan li għalih iddaħħal ir-rimedju taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir[11]. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv[12]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

25. Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[13]. Għalhekk, l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba

---

[11] App. Inf. PS **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Awtorita' Marittima ta' Malta vs Polidano Brothers Ltd***
[12] Ara P.A. GV **19.11.2008** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et***
[13] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)

mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

26. Illi, b'żieda ma' dan, l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 281 tgħodd fejn issir talba għat-tħassir, għal kollox jew f'parti minnu, tal-att eżekuttiv, u mhux fejn tintalab is-sospensjoni tal-effetti tiegħu[14]. Is-sospensjoni tal-effetti ta' Mandat tintalab b'azzjoni ordinarja quddiem il-Qorti kompetenti skond l-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[15];

27. Illi l-Qorti tagħraf li t-tifsir tal-liġi mill-qrati jimxi maż-żmien u fis-sistema Malti mhuwiex marbut tabilfors max-xejra jew is-saħħa ta' sentenzi li jkunu ngħataw qabel fuq il-kwestjoni. B'daqshekk ukoll ma jfissirx li meta tinqala' kwestjoni li dwarha ma tkunx ingħatat fehma minn qabel minn xi qorti, jintesa kulma jkun ingħad qabel u jitfasslu raġunamenti ġodda bil-ħsieb li jipprovdu rimedju għal kwestjoni bħal dik. Il-Qorti tgħid dan għaliex tagħraf li t-tħassir ta' Mandat eżekuttiv iġib

---

[14] Ara, b'eżempju, P.A. AJM **5.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Terranet Ltd vs Linknet Ltd. et***; u App. Ċiv. **5.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Persiano et vs Persiano*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.257**)
[15] App. Ċiv. **14.12.2018** fl-atti tal-Mandat Eżekuttiv fl-ismijiet ***Catherine Imperia Caruana vs Olena Caruana Verbytska***

miegħu effetti radikali li jeħilsu lill-parti eżekutata jew lil xi parti oħra mdaħħla fl-atti ta' dak il-Mandat mir-rabta tal-ordni li jkun ingħata bil-ħruġ tal-Mandat, u dan bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu għall-kreditur eżekutant;

28. Illi l-Qorti qiegħda tqis ukoll il-kwestjoni li tqajmet b'dan l-appell fid-dawl tal-messaġġ li jista' jingħata dwar is-saħħa u l-effettività fl-ordinament ġuridiku Malti għall-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi. Bħalma huwa tajjeb u xieraq li ma jsir xejn biex idgħajjef il-qafas regolatorju ta' monitoraġġ magħmul mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, hekk ukoll huwa tajjeb u meħtieġ li ma jsir xejn li jdgħajjef is-saħħa ta' ordnijiet eżekutttivi mogħtija mill-Qrati kompetenti;

29. Illi l-Qorti tqis li l-Ordni li ngħata lill-Bank appellat mill-Awtorità intervenuta huwa wieħed li, minnu nnifsu, jidher li huwa kawtelatorju u provviżorju, fis-sens li, wara li jsiru l-verifiki meħtieġa, l-istess Bank appellat jkun f'qagħda li jista' jerġa' jaċċetta l-istruzzjonijiet tal-klijenti tiegħu wara li dwarhom ikunu saru l-verifiki meħtieġa għall-finijiet kollha tal-Kapitolu 371. Tagħraf ukoll li l-ftuħ jew l-amministrazzjoni ta' kontijiet bankarji, ta' tifdil jew ta' titolu jikkostitwixxu "attività rilevanti" għall-finijiet tal-iskrutinju li awtorità bħalma hija l-intervenuta tista' twettaq dwar "kummerċ finanzjarju rilevanti"[16] bħalma huwa l-kummerċ bankarju taħt l-

[16] Ara reg. 2(1) tar-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (A.L. 372/2017)(L.S. 373.01)

Att għall-finijiet tal-Att kontra l-Ħasil tal-Flus[17]. Tqis ukoll li l-għan li għalih inħareġ l-Ordni mill-Awtorità intervenuta kien sewwasew dak li jħares l-interessi tal-klijenti tal-Bank appellat u mhux lill-imsemmi Bank;

30. Illi, min-naħa l-oħra, minkejja li l-artikolu 29(5) tal-istess Att jgħid li jgħodd fuq kull liġi oħra, imkien ma jipprovdi li istituzzjoni ta' kreditu jew bank imqiegħed taħt waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba fid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu ma hija meħlusa milli tħares ordni ta' qorti jew li tista' ġġarrab ħsara jew sanzjoni jekk tħares ordni bħal dik. Qari tad-Direttiva relattiva[18] li minnha ttieħdu u kienu trasposti d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti msemmija mkien ma jsemmi ebda sanzjoni bħal dik[19];

31. Illi l-Qorti tqis ukoll li jekk kemm-il darba l-appellat kellu joqgħod għall-ordni tal-Qorti kif mogħtija fil-Mandat attakkat, ma kienx se jaqbad u jgħaddi l-fondi sekwestrati lill-eżekutata (Atomos Limited) u lanqas direttament lill-eżekutanti appellanti, imma jgħaddi biex jiddepożita dawk l-istess fondi taħt l-awtorita` tal-Qorti li ħarget il-Mandat , u wieħed jifhem li l-iżbank ikun awtorizzat biss hekk kif u meta ma jkunx hemm xi raġuni li timpedixxi milli dan isir (b'mod partikolari jekk il-proċess tal-aċċertament dwar il-kumpannija eżekutat Atomos Limited jilħaq jintemm u ma

[17] Att XIX tal-1994 (Kap 373)

[18] Ara Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju, 2015 (Ġ.U. 5.6.2015, L 141/73 *et seq*)

[19] Għall-kuntrarju, l-artikolu 58(5) (d) tar-Regolament jistipula li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom li jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi f'konformita` ma' din id-Direttiva u mal-liġi nazzjonali, fi kwalunkwe mod fost dawn li ġejjin: .. .. .. (d) b'applikazzjoni lill-awtorijtajiet ġudizzjarji kompetenti.

jirriżultawx irregolaritajiet). Hawnhekk ukoll din il-Qorti ma tarax kif il-Mandat jew il-ħarsien tiegħu jistgħu jolqtu ħazin lill-Bank appellat, jew kif dan kollu jista' jwassal għat-tħassir tal-Mandat;

32. Illi, b'żieda ma' dan kollu, jekk it-tħassib li jsemmi l-Bank appellat bħala raġuni valida biex jitlob it-tħassir tal-mandat kien ir-rabta li huwa għandu bħala sekwestratarju biex jiddepożita l-fondi sekwestrati appartenenti lill-eżekutata, dan it-tħassib ma jidhirx li huwa fondat. Ladarba l-appellat huwa bank, jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu bħala sekwestratarju billi jiddikjara x'inhuma l-assi tad-debitur eżekutat li għandu f'idejh bla ħtiega li jiddepożitahom taħt l-awtorita` tal-Qorti[20] u sakemm ikun għadu għaddej il-proċess ta' aċċertament li jissemma fil-paragrafu ta' qabel dan;

33. Illi minn dan kollu, il-Qorti tasal għall-fehma li fil-każ li għandha quddiemha ma kienx hemm raġuni valida biex il-Mandat jitħassar lanqas fir-rigward tal-Bank appellat u għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda ssib li dan l-aggravju huwa mistħoqq u sejra tilqgħu;

***Decide***

34. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

[20] Ara *Proviso* tal-art. 378 tal-Kap 12.

**Tilqa' l-appell** tal-kumpannija eżekutanti GLD Services Limited u tħassar il-provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu, 2019, fl-atti tal-Mandat Eżekuttiv fl-ismijiet premessi, safejn laqa' t-talba għat-tħassir tal-imsemmi Mandat, bl-**ispejjeż** kontra l-Bank appellat, filwaqt li dawk tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati fl-imsemmi provvediment. L-ispejjeż tal-Awtorità intervenuta jitħallsu minnha.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm